**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Isml

**Seduta** 02/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 10/03/2011 fis-7.05pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti sad-9.32pm |
| | Fenech Stephanie | Assenti minħabba xogħol |
| | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | Pace Darrell | Preżenti mis-7.20pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mis-7.15pm sad-9.30pm |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**02. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 01/11 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 01.12.3 | Fl-aħħar tal-paragrafu jiżdiedu l-kliem "nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru". | | |
| 02. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**02. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 02. 2. 1 | 01.2.5 | Sindku: Community Worker on probation | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 12 ta' Marzu ser jibda xogħol ta' community work on probation fiż-Żejtun minn Neville Cassar. Dan ser ikun kull nhar ta' Sibt bejn it-8am u nofsinhar għal total ta' 150 siegħa. | Viċi-Sindku |
| 02. 2. 2 | 01.2.6 | Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Peress li l-ħajt ta' maġenb il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena baqa' ma tranġax, Darmanin ippropona li għandu jsir rapport lill-Pulizija u jekk dan ma jsirx fi żmien 15 -il ġurnata, il-ħajt jiġi rranġat mill-Kunsill a spejjeż tal-Knisja. | Segretarjat |
| 02. 2. 3 | 01.2.11 | Sindku: Żona ta' Strejnu | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jiċċekkja fhiex wasal il-Managament Agreement ħalli b'hekk tkun tista' issir applikazzjoni taħt l-iskema tal-Gal Xlokk. | Segretarjat |
| 02. 2. 4 | 01.2.11i | Sindku: Skema Awtorita' tad-Djar | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-flus li l-Kunsill ser jieħu sabiex titranġa ż-żona ta' Ħal Tmiem (fuq barra) ser jgħaddu fis-sena 2012. Għal dan il-proġett il-Kunsill ser jieħu €75,000. Bħalissa diġa' inbeda x-xogħol fuq ir-ring road li biħsiebu jitkompla. Jinħtieġ li inġibu konferma li dan ix-xogħol ser ikun rikonoxxut biex nieħu l-fondi. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tlestiet dome oħra bħal dik li saret f'ĠSM. **Il-Kunsill qabel li din issir f'Ħal Tmiem kif ukoll li l-area li fiha titpoġġa d-dome ghandha tkun żviluppata b'siġar u bankijiet.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2. | 4 i | | | Dwar l-iskema għal xogħol fil-komun tal-flats il-proposta tal-Housing Authority hi li jsir xogħol din is-sena fuq sittax il-blokk f'Ħal Tmiem. Qed nistennew li niffirmaw il-ftehim. | |
| 02. | 2. | 5 | 01.3.8 | Sindku: Żjara mid-Direttur tal-Gvern Lokali C. Abela | Is-Sindku rraporta l-laqgħa li kellu ġewwa l-uffiċċji tal-Kunsill mas-Sur C. Abela, Direttur tal-Gvern Lokali fejn fl-istess laqgħa ġiet ippreżentata l-kwistjoni ta' l-allokazzjoni finanzjarja. S'issa għad ma kellniex kjarifika kif tinħadem l-allokazzjoni finanzjarja u spjegazzjoni dwar it-tnaqqis li kellna fl-allokazzjoni. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jikteb uffiċjalment lis-Sur Abela.** | Segretarjat |
| 02. | 2. | 6 | 01.3.10 | Sindku: Librerija Pubblika | Is-Sindku informa lill-Kunsill li llum waslet l-approvazzjoni sabiex il-librerija tibda tiftaħ is-Sibtijiet. Ser isir kuntatt mal-librara Miriam Marsh biex isir il-ko-ordinament meħtieġ. Kif ikunu miftehmin il-ħinijiet li fihom ser tiftaħ il-librerija, ser isir avviż fil-quddies kif ukoll stqarrija għall-media. | Camilleri |
| 02. | 2. | 7 | 01.7.1 | Sindku: Gal Xlokk | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħarġu Miżuri 313 u 215. Miżura 313 tilqa' proposti sabiex r-rurali jinġieb 'l quddiem. Bħala Żejtun qed nipproponu Mixja mill-Kappella ta' Ħal Tmiem sal-kapella ta' San Niklaw. Sadanittant TM qed iħejju biex isir wiċċ bit-tarmak ta' Sqaq Strejnu Nru 2, quddiem il-ħwienet, il-Pjazza u l-kumpalment ta' Sqaq Strejnu Nru 1. Il-pass li jmiss hu li jkunu avviċinati l-KSI peress li għaddej pajp ta' l-ilma f'wiċċ it-triq. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 02. | 2. | 7 i | | | Miżura 215 tilqa' proposti għal sqaqien li fihom il-bdiewa. Din il-proposta ser taħdem fuq sistema ta' punti u tingħata preferenza lill-bdiewa full time. Min-naħa tal-KL Żejtun hemm proposta għal Sqaq Xrobb l-Għaġin Nru 4 u 5 u l-aħħar biċċa ta' Ħajt il-Wied u tal-Kotob. Qed jiġu kunsidrati sqaqien oħra. Sqaq il-Waħx kien tlesta mill-Kunsill Lokali. L-ewwel xogħol li jrid isir huwa li ssir reġistrazzjoni tal-bdiewa. | |
| 02. | 2. | 8 | 01.9.3 | Sindku: Air Conditioner/Air Curtain | Il-Kunsill ħa l-parir ta' CAS li l-air curatin ma ssirx għalissa fir-reception il-ġdida. Jekk jinħass il-bżonn, din issir wara. | |
| 02. | 2. | 9 | 01.10.1 | Sindku: Triq Ħabel ix-Xgħir | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li inbagħtet ittra lil TM sabiex Triq Ħabel ix-Xgħir issir no entry min-naħa ta' wara l-Knisja Parrokkjali. TM talbet għal site plan. | Segretarjat |
| 02. | 2. | 10 | 01.11.1 | Sindku: Sena Finanzjarja 2010 | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li bħalissa l-Accountant Lawrence Cauchi qed jagħmel eżerċizzju fuq deprezzament ta' l-assi. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02. 2. 11 | 01.12.1 | Viċi-Sindku: Aerobics | Il-Viċi-Sindku talbet informazzjoni dwar is-sezzjonijiet ta' l-aerobics. Is-Segretarjat ser jistaqsi lil kunsilliera responsabbli dwar il-materja. | Fenech |
| 02. 2. 12 | 01.12.6 | Viċi-Sindku: Sleeping Policeman fi Triq Madonna tal-Hniena | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-isleeping policeman ta' Triq Madonna tal-Ħniena ġiet imtella' aktar 'l fuq kif kien deċiż. | |
| 02. 2. 13 | 01.12.7 | Viċi-Sindku: Żebgħa fuq l-isleeping policeman f'GSM | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ż-żebgħa saret. | |

**02. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3. 1 | 06 | OPM: Festa Ġemellaġġi | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jattendu għall-festa ġemellaġġi organizzata mill-Opm bejn il-11 u 12 ta' April. | Sindku |
| 02. 3. 2 | 08 | TCTC: Learn IT & Lear Web għall-adulti | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li għalkemm għadu ma tqassamx il-flyer ta' TCTC liż-Żejtun kollu il-klassijiet diġa' intlew. Għaldaqstant sar kuntatt ma' TCTC sabiex dawn il-klassijiet jiżdiedu. | Camilleri |
| 02. 3. 3 | 09 | TCTC: Korsijiet tal-Kompjuter | **Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lil TCTC x'packages għandu kif ukoll x'korsijiet nistgħu nżidu.** | Camilleri |
| 02. 3. 4 | 10 | LAG Design: Programm Televiżiv | **Wara diskussjoni li saret, fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li Pjazza t'isfel ta' quddiem l-Alexandra Hall għandha tkun proposta għal dan il-programm b'involviment tal-komunita'.** | Sindku |
| 02. 3. 5 | 11 | Sindku:Klabb tal-Boċċi | Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara żmien twil magħluq, il-klabb tal-boċċi reġa' fetaħ. | |
| 02. 3. 6 | 12 | CCD: Konferenza Jum Dinji tal-Konsumatur | Is-Sindku inkariga lil Darmanin sabiex jattendi għall-Konferenza Jum Dinji tal-Konsumatur li għandha issir nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu ġewwa l-lukanda The Palace. | Darmanin |
| 02. 3. 7 | 13 | Stephania Fenech: Attivitajiet Jum iż-Żejtun 2011 | **Il-Kunsill approva l-fiera ta' l-isports li ser titella' nhar Jum iż-Żejtun mid-9am 'l quddiem kif ukoll ħarġa għal high rocks u wara attendenza għal-logħba taż-Żejtun Corinthinas u attivitajiet sportivi għall-istudenti ta' Skola Primarja B fil-21 ta' Marzu mis-sotto kumitat ta' l-isports u l-youths@local. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li dak inhar fil-għodu ser issir treasure hunt għat-tfal. Il-Kunsillier Seychell fakkar fis-Seminar li ser isir nhar il-Ħadd 13 ta' Marzu kif ukoll l-għoti ta' Ġieħ iż-Żejtun nhar is-Sibt 19 ta' Marzu.** Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jinħareġ il-leaflet u press release bl-attivitajiet kollha li ser isiru b'rabta ma' Jum iż-Żejtun bħalma jsir ta' kull sena. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3. 8 | 15 | E.Mifsud: Għadira ilma quddiem residenza fi Triq Arċipriet Degabriele | Il-Kunsill iddiskuta l-problema ta' quddiem ir-residenza tas-Sur Mifsud. Din il-problema tista' tissolva meta ssir Triq l-Arċipriet Degabriele u s-Sindku għandu jinżel fuq il-post biex jara x'jista jsir. | Sindku |

**02. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 02. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 02. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 02/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 02. 4. 4 | | Petty Cash - Frar 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Frar 2011 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €213.63.** | Segretarjat |

**02. 5.** **Ġieħ iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 5. 1 | | Nominazzjonijiet | Il-Kunsill irċieva 7 nominazzjonijiet għal Ġieħ iż-Żejtun: Lino Psaila, Karmenu Baldacchino, Christian Caruana, Kaptan Joe Desira. | |
| 02. 5. 2 | | Deċiżjoni | Wara li nqraw ic-CVs tal-persuni nominati, il-Kunsill iddiskuta min ħaqqu dan il-Ġieħ. Filwaqt li anke ikkunsidra l-eta tal-kandidati, **il-Kunsill qabel li din is-sena Ġieħ iż-Żejtun għandu jmur lill-Kaptan Joe Desira (84 sena) speċjalment billi hu kien ħaddiem id-Dockyard u l-Marsa Shipbilding li għalqu din is-sena.** | |
| 02. 5. 3 | | Tagħrif dwar il-ħajja tal-Kaptan Joe Desira | Il-Kaptan Joe Desira ħadem f'bosta azjendi fosthom id-Dockyard meta kien għadu żagħżagħ. Ingħaqad mal-Malta Shipbuilding fis-snin 80 u għen bosta żgħażagħ Żwieten isibu xogħol f'dawn l-azjendi u ħeġġiġhom ikomplu l-istudji tekniċi. Kien attiv fil-qasam soċjo kulturali u politiku b'risq iż-Żejtun u ż-Żwieten. Kien idoqq ma' l-orkesta tas-Soċjeta Mużikali Santa Katerina u baqa' attiv fil-qasam kulturali sal-lum. Kien jgħin lil martu Mary fix-xogħol tagħha fil-qasam soċjali. Għen bil-bosta f'diversi kumitat Żwieten. | |

**02. 6.** **Tender tal-Public Private Partnership**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02. 6. 1 | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill l-offerti li ntefgħu għal-PPP. Kien hemm 3 kuntratturi li wrew interess: Philip Agius, J & J Schembri u Polidano Group. Fl-ewwel fażi ser isiru 6 toroq: Vjal 25 ta' Novembru, Triq Lvant, Triq Bisqallin, Triq Ħelsien, Misraħ Indipendenza u Triq Santa Katarina. | |
| 02. 6. 2 | Deċiżjoni dwar l-offerti | Wara li ġew evalwati r-rati, il-Kunsill qabel li jikkonsulta mal-kuntrattur Polidano Group sabiex ikollu estimi preċiżi billi komplessivament ir-rati ta' Polidano Group kienu l-aktar kompettitivi. Dan qabel ma ssir deċiżjoni finali. Ser tingħata attenzjoni lil kapteIli tad-drenaġġ li tista tagħmel id-differenza kollha fil-prezz. L-ewwel triq li ser issir ser tkun Triq Lvant u x-xogħol ser jibda f'Mejju, iżda qed nistennew l-aħħar rati tal-KSI. | |
| 02. 6. 3 | Pagament | Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jagħti €90,000 għal dan il-proġett. Fl-ewwel sena il-ħlas ikun ta' 20% id-DLG u 20% mill-Kunsill Lokali. Fit-tieni sena il-ħlas ikun ta' 10% mid-DLG u 10% mill-Kunsill. L-40% li fadal jitħallsu 5% kull wieħed fuq perijodu ta' 8 snin. | |

**02. 7. Tender tal-Customer Care Reception Desk**

| Riferenza Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|
| 02. 7. 1 | Sindku: Rapport | Is-Sindku ta rapport ta' l-adjudicating board li ltaqa sabiex jiddiskuti l-customer care reception desk. Dan kien magħmul mill-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Hales. L-iskrivanija ta' 4.3mtrs kienet tiswa €2,746.51 filwaqt li dak tas-8.58mtrs tiswa €6,631.13. **Wara li l-Kunsill ikkunsidra li l-istaff għandu bżonn ta' spazju biex jaħdem, fuq parir ta' l-adjudicating board, qabel li jixtri dik tas-8.58mtrs mingħand Krea, Dex Workspaces, Qormi peress li meta tħares lejha b'mod ħolistiku mill-offerti kollha li kien hemm, din irriżultat bħala l-aktar waħda vantaġġjuża.** | Segretarjat |
| 02. 7. 2 | Sindku: Sistema tat-telephone | Ġew preżentati 2 kwotazzjonijiet għal sistema ġdida tat-telephone: sistema diġitali b'16 il-extension (8 digital u 8 analogue) għall-prezz ta' €2,400 u oħra analogue b'16 -il extension għall-prezz ta' €1,900. **Peress li s-sistema diġitali hija l-aktar sistema moderna, il-Kunsill qabel li jixtri sistema diġitali mingħand Cosmec.** | Segretarjat |

**02. 8. Urban Improvement Fund - Misrah Indipendenza**

| Riferenza Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. 8. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li waslet l-approvazzjoni tal-MEPA għall-embellishment ta' Misraħ Indipendenza. Sfortunatament s'issa id-Dipartiment ta' l-Artijiet għadu ma solviex il-problema ta' l-inkwilin li għandu r-raba f'dan il-misraħ u li qed iżomm dan l-iżvilupp. Is-Segretarju Parlamentari Dr Jason Azzopardi ppropona sabiex din il-persuna tingħata raba alternattiva fl-inħawi oħra fiż-Żejtun. | Sindku Pace |

**02. 9. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 9. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

**02. 10. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 10. 1 | | Viċi-Sindku: Żjara ta' Persuni Barranin fiż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser ikun hawn Malta madwar 40 bidwi ġermaniż fejn ser jiġu iż-Żejtun u ser inżuru lil Fenech Farm filwaqt li għall-Għid il-Kbir ser ikun hawn 37 bidwi mill-Bavarja li ukoll ser iżuru farms li għandna fil-lokalita'. Hawnhekk inħasset il-ħtieġa li ż-żona ta' Strejnu u Xrobb l-Għaġin tkun żviluppata permezz tal-miżuri li għadhom kif ħarġu u li ġew diskussi aktar kmieni f'din il-laqgħa. | Viċi-Sindku |
| 02. 10. 2 | | Sindku: Laqgħa Pubblika | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jattendu għal-laqgħa pubblika li ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' April 2011. Is-Segretarjat fakkar sabiex il-kunsilliera jibgħatu ir-rapporti tagħhom mill-aktar fis. | Sindku Segretarjat |
| 02. 10. 3 | | Viċi-Sindku: Jum il-Mara | Il-Viċi-Sindku irrapurtat iż-żjara li saret lill-membri parlamentari nisa fil-Parlament proprju f'Jum il-Mara li kienet interessanti ħafna. Is-Sindku f'isem il-Kunsill ippreżenta tifkira lil kull membri parlamentari mara fl-okkażjoni tal-100 sena minn meta beda jiġi ċelebrat Jum il-Mara. | Viċi-Sindku |
| 02. 10. 4 | | Viċi-Sindku: Triq Labour | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar xogħol fi Triq il-Labour. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva applikazzjoni mill-Enemalta sabiex tagħmel xogħol ta' tiswija f'din it-triq. Il-Kunsillier Pace ġibed l-attenzjoni li meta jsiru xogħlijiet f'toroq bħal Triq Labour, dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu bil-permess tal-Kunsill u jintuża s-servizz tal-gwardjani lokali. | Sindku |
| 02. 10. 5 | | Seychell: Triq Kanonku de Domenico | Seychell talab lill-Kunsill sabiex tissewwa triq li niżlet fi Triq Kanonku de Domenico. Din it-talba ġiet milqugħa. | Sindku Dipt. Tad-Drenaġġ |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. | 10. 6 | Sindku: Ittra mill-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti | Is-Sindku ippreżenta ittra mill-Assoċ. Bejjiegħa tal-Monti fejn is-segretarju ta' l-Assoċjazzjoni qabel li jiċċaqalqu minn fejn jarmaw kull nhar ta' Erbgħa għal Triq il-Labour, nhar it-18 ta' Mejju 2011 minħabba attivita' mill-Għaqda Mużikali Beland. Is-Sindku spjega li l-permess joħroġ mill-Kunsill u mhux mill-assoċjazzjoni. Hu qal li jaqbel li l-attivita' ssir fil-post mitlub iżda hemm problema bil-bejjiegħa, apparti li ma joqgħodux kollha fi Triq il-Labour.<br><br>Il-Kunsillier Pace qal li barra minn hekk mhux possibli li tingħalaq Triq il-Labour għax tinħoloq konġestjoni kbira ta' traffiku. Il-Viċi-Sindku ipproponiet li l-attivita' issir fuq ġimgħa mill-Erbgħa mis-1pm sat-Tlieta ta' wara. Il-Kunsillier Darmanin u l-Kunsilliera Wille Piscopo talbu li għandha ssir talba lill-bejjiegħa jaqblux jew le mal-proposta. Bħala konklużjoni il-Kunsill qabel li bħalma sar fl-imgħoddi meta kien hemm talbiet simili, is-Suq m'għandux jiċċaqlaq minn fejn hu a) ghax fiż-Żejtun m'hawnx post ieħor addattat b) jekk joħrog permess darba irid jingħata permess kull talba li ssir. | Darmanin |
| 02. | 10. 07. | Sindku: Tender Ġbir ta' Skart Żona B | Is-Sindku ġab għad-deċiżjoni tal-Kunsill l-offerti li ntefgħu għall-ġbir ta' skart żona B li kienet kemm għall-bins u/jew bieb bieb. Il-Kunsillier Pace insista li żona B għandha tiġi miġbura bieb bieb hekk kif rakkomandat fil-laqgħa li saret f'Novembru fl-2010. Dan sabiex titaffa l-problema eżistenti tat-tipping fees. Il-Viċi-Sindku sostniet li l-bins ma jitneħħewx miż-żona kollha għax ser jitkisser ix-xogħol kollu li sar b'suċċess fuq is-sistema tar-recycling tuesdays. Camilleri qabel li fejn hemm bżonn iż-żona għandha tibqa' provduta bil-bins. Il-Kunsillier Seychell qal li l-aħjar li l-iskart jinġabar bieb bieb fiż-Żejtun kollu iżda wara sittax -il sena bil-bins on wheels jifhem li tista' tinħoloq problema jekk jitneħħew l-bins on wheels kollha f'daqqa. Is-Sindku spjega li hu fatt li f'ċertu nħawi kien qed isir abbuż mill-bins u dawn għandhom jitneħħew iżda mhux il-bins on wheels kollha f'daqqa speċjalment fiż-żona B. **Il-Kunsill qabel.**<br><br>L-offerti kienu Ronald Bezzina €1.70 kuljum kull bin filwaqt li Clean Away Service €3.50 kuljum kull bin.<br><br>**Fuq proposta tal-Viċi-Sindku sekondata mill-Kunsillier Camilleri u b'vot favur tal-Kunsillier Seychell, il-kuntratt ingħata lil Ronald Bezzina li diġa' għandu l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart bieb bieb. Il-Kunsillier Pace ivvota kontra li nużaw il-bins.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Il-Viċi-Sindku talbet li titwaħħal sticker ma' kull bin sabiex ma jintefax skart reċiklabbli fl-iskips u l-istess skips ikunu provduti b'għatu u foot pedal skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir kontroll fuq l-iskips permezz tal-wardens fejn jekk ikun hemm bżonn jinħarġu t-taħrikiet neċessarji. | |
| 02. | 10. 8 | Seychell: Liceo C. Diacono | Seychell staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-bniet Żwieten li mhumiex ser jattendu iżjed fil-Liceo C. Diacono iżda ser immorru fi skola ġewwa Santa Luċija. Il-Viċi-Sindku wieġbet li meta din id-domanda saret lill-Onor. Dolores Cristina, din qalet li l-istudenti ser imorru fi skola aħjar. **Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dan u għaldaqstant qabel li jikteb lill-Ministeru.** | Camilleri |
| 02. | 10. 9 | Seychell: Jum iż-Żejtun | Seychell informa lill-Kunsill li din is-sena d-diskors ta' l-okkażjoni ser isir minn Jane Mercieca filwaqt li l-mużika ser tkun mill-kitarrista Walter Micallef u l-klarinettista Godfrey Mifsud. Iċ-ċertifikati tal-konkors letterarji lesti. Is-Sindku talab lill-Seychell sabiex is-siltiet li jinqraw mill-komponimenti letterarji jkunu kemm jista' jkun fil-qosor. Dan sabiex il-programm ma jiħux wisq fit-tul u l-udjenza ma tiddejjaqx. | Seychell |
| 02. | 10. 10 | Camilleri: Double yellow lines fi Triq San Alfonsu | **Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Camilleri sabiex isiru double yellow lines fi Triq San Alfonsu k/m Triq Santa Marija.** | Darmanin |
| 02. | 10. 11 | Camilleri: Sleeping Policeman fi Triq Santa Marija | **Il-Kunsill qabel li ssir sleeping policeman fi Triq Santa Marija fejn Sqaq Sant'Isidoru.** | Darmanin |
| 02. | 10. 12 | Camilleri: Merry-go-round fil-Bandli ta' San Girgor | Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar merry-go-round antika fil-bandli ta' San Girgor. Is-Sindku spjega li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jagħmel studju dwar is-sigurta' ta' kull playing field f'Malta u Għawdex. Camilleri irringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol li sar fuq iż-żurżieqa ta' l-istess bandli filwaqt li ġibed l-attenzjoni biex jinbidlu t-tyres ta' l-istess bandli. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 02. | 10. 13 | Camilleri: Attivita' Jum iż-Żejtun | Camilleri ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jattendu għall-attivita' li ser issir mill-iskola Primarja A bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum iż-Żejtun it-Tlieta 15 ta' Marzu. Għaliha ser tagħti sehemha wkoll il-Banda Furtu Selvatico, tan-Naxxar. | Camilleri |
| 02. | 10. 14 | Camilleri: Kors tal-Kompjuter e-anzjan | **Il-Kunsill approva li flimkien mal-kumpanija TCTC, is-Segretarjat Parlamentari ta' l-Anzjani u l-Kunsill Lokali Marsaskala isir kors tal-kompjuter bl-isem ta' e-anzjan.** | Camilleri |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 02. | 10. 15 | Viċi-Sindku: Kampanja Coca Cola | Il-Viċi-Sindku rrapurtat dwar il-kampanja tal-Coca Cola li ser tibda titħaddem dalwaqt. Din ser tibda issir fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat kull nhar ta' Erbgħa bejn id-9.00am u nofsinhar u ser titħaddem mis-sotto kumitat tal-familja. Il-kumpanija Coca Cola ser tgħaddi lill-Kunsill is-somma ta' €800 għal perijodu ta' 3 xhur sabiex il-kunsill ikopri spejjeż involuti bħal dawl u ilma, laser printer. Ser issir applikazzjoni mal-Go għal sistema ta' internet. | Viċi-Sindku |
| 02. | 10. 16 | Viċi-Sindku: Triq Bħajra u Triq Dulliegħ | Il-Viċi-Sindku reġgħet ġabet quddiem il-Kunsill is-sitwazzjoni tar-residenti ta' Triq id-Dulliegħ u Triq Bħajra minħabba inġenji kbar u żjut ta' l-istess inġenji fl-istess toroq. **Il-Kunsill qabel li jekk is-sitwazzjoni tibqa' l-istess, tintbagħat korrispondenza lill-Kummissarju tal-Pulizija**. Hawnhekk tqajjem il-każ ta' Cancu Supreme Travel li baqa' ma ngħatax post alternattiv sabiex jiċċaqlaq minn ġor-residenti fi Triq Kastellan. | |
| 02. | 10. 17 | Viċi-Sindku: Skolasajf | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mal-kap ta' l-iskola Primarja B u mad-Direttur ta' l-Edukazzjoni S Saliba sabiex titella' kampanja b'tema ta' volontarjat fi skolasajf. Bi qbil unanimu ser titella attivita' 'Tfal Jaddotaw Anzjan' għall-istudenti tal-year 4 (76 student). Din ser issir fid-Dar ta' l-anzjani, Żejtun fil-25 ta' Mejju 2011. | Viċi-Sindku |
| 02. | 10. 18 | Viċi-Sindku:Leaflet tal-Ġimgħa l-Kbira | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħal kull sena bħalissa qed jitħejja l-leaflet tal-Ġimgħa l-Kbira. | Viċi-Sindku |
| 02. | 10. 19 | Viċi-Sindku: Globu - Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku rrapurtat globu fuq iz-zuntier tal-Knisja Madonna tal-Ħniena. Is-Sindku qal li ser ikun avviċinat il-kuntrattur Nexos. | Sindku |
| 02. | 10. 20 | Viċi-Sindku: Attivitajiet Sotto Kumitat Familja | **Il-Kunsill approva li s-sotto kumitat tal-familja jtella' l-attivitajiet li ġejjin: 30.03.2011 Hike 7-9 April Weekend Break 20.04.2011 Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa ż-Żejtun 21.04.2011 Seba' Visti in-naħa ta' fuq ta' Malta 22.04.2011 Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira n-naħa t'isfel ta' Malta 24.04.2011 Tqassim ta' Figolli fl-okkażjoni ta' l-Għid il-Kbir 05.05.2011 Attivita' Jum l-Omm.** Il-Viċi-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu l-attivitajiet tagħhom lis-Segretarjat biex jitħejja flyer li jitqassam bieb bieb f'kull dar ġewwa ż-Żejtun fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil-10.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 7 ta' April, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun wara l-laqgħa pubblika.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv